**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

Lill-Membri kollha tal-Kunsill

# LAQGHA TAL-KUNSILL

**Il-41 Laqgħa tas-seba' leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi** ser issir nhar **it-Tnejn 18 ta' Jannar 2016 fil-5:30pm,** fl-Uffiċċju tal-Kunsill, 7, Triq il-Knisja, Qrendi QRD 1103.

**Chris Falzon**

**Segretarju Eżekuttiv**

## Aġenda

---

1. **Qari tal-Minuti**
2. **Korrispondenza**
3. **Aġġornament dwar il-Festival Agrarju tal-Patata 2016**
4. **Aġġornament dwar Jum il-Qrendi 2016**
5. ***Performance Bonus* tas-Segretarju Eżekuttiv, Assistent Prinċipal u Clerk tal-Kunsill Lokali**
6. **Komunikazzjoni mis-Sindku**
7. **Finanzi**
8. **Aġġornament**

---

Ikun xieraq li l-Kunsillieri kollha jkunu preżenti fil-ħin, biex il-Laqgħa tkun tista' tiddiskuti u tiddisponi l-Aġenda mingħajr telf ta' ħin.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

**Minuti tal-41 Laqgħa tas-seba' leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi li saret nhar it-Tnejn 18 ta' Jannar 2016 fil-5:30 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju tal-Kunsill, 7, Triq il-Knisja, Qrendi u spiċċat fit-7:45 ta' filgħaxija.**

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Schembri |
| Viċi Sindku | Charles Zerafa |
| Kunsillier | Daniel Farrugia |
| Kunsillier | Daniela Farrugia |
| Kunsillier | Olympia Sant Mifsud |

**Assenti:**

| | |
|---|---|
| Ambaxxatur | Justin Debattista |

**Uffiċjal:**

| | |
|---|---|
| Segretarju Eżekuttiv | Chris Falzon |

Is-Sindku David Schembri ppreseda.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 1. QARI TAL-MINUTI

1.1 Il-Minuti tal-40 Laqgħa tal-Kunsill Lokali ġew moqrija u approvati.

## 2. KORRISPONDENZA

2.1 Inqrat Memo 01/2016, mibgħuta mis-Sur Christopher Galea għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Memo 01/2016 – Rapport tal-Uffiċċju tal-Verifika (NAO) 2014.**

2.2 Inqrat Memo 02/2016, mibgħuta mis-Sur Christopher Galea għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Memo 02/2016 – Emendi għall-Att dwar Kunsilli Lokali KAP 363.**

2.3 Inqrat Memo 03/2016, mibgħuta mis-Sur Christopher Galea għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Għeluq tas-Sena Finanzjarja 2015.**

2.4 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Josef Gatt għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***For Your Attention – PQ 22152*** **– Kunsilli Lokali – regolamenti.**

2.5 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Silvio Frendo għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Appointment of new Local Government Auditors.***

2.6 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Fiorella Farrugia għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Payscales 2016.***

2.7 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Marica Axiaq għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Case 603/2016*** **– Tilqim fil-Kunsilli – info għas-snin 2012, 2013, 2014.**

2.8 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Maria Zammit għad-Direttur tal-Gvern

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

Lokali, bit-titlu ***Vacation Leave and Sick Leave Records.***

2.9 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Isabella Camilleri Aquilina għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Community Work Scheme.***

2.10 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Mary Muscat għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Każ Nru. 667/15 – *Recording of Council Meetings.***

2.11 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Mary Muscat għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Abbozz Ċirkulari fuq Għaqal id-Dar.**

2.12 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Isabella Testaferrata de Noto, Segretarju Eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, bit-titlu **Ċirkulari AKL Ċirk. 64/2015 - Bdil ta' Awguri.**

2.13 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, bit-titlu **Ċirkulari AKL Ċirk. 2/2016 – Proċeduri ġodda marbutin mat-twaħħil ta' bozoz.**

2.14 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, bit-titlu **Ċirkulari AKL Ċirk. 3/2016 – Ħlas tal-*Performing Right Society* għas-sena 2016.**

2.15 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, bit-titlu **Ċirkulari AKL Ċirk. 5/2016 – *European Youth Event 2016.***

2.16 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, bit-titlu **Ċirkulari AKL Ċirk. 6/2016 – *Group Health Insurance Policy 2016.***

2.17 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Isabella Testaferrata de Noto, Segretarju Eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, bit-titlu **Ċirkulari AKL Ċirk. 7/2016 - Assikurazzjoni tal-Flus.**

2.18 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Lili Vasileva, *EU Projects Coordinator* tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, bit-titlu ***EDIC Photo Competition.***

2.19 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Louis Deguara, Segretarjat tal-

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, bit-titlu ***Malta Epilepsy Conference 13 Feb 2016.***

2.20 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Christian Salerno, Maniġer tal-GAL Xlokk, bit-titlu ***Qrendi Pending Payments.***

2.21 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Terence Camilleri, Segretarju tal-GAL Xlokk, bit-titlu ***17 Regions of the South software.***

2.22 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Marika Inguanez, Segretarja fil-Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol, bit-titlu **President tal-Kunsill Skolastiku.**

2.23 Inqrat ittra mibgħuta mis-Sa. Marika Inguanez, Segretarja fil-Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol, dwar il-kariga ta' President tal-Kunsill Skolastiku tal-Iskola Primarja tal-Qrendi.

2.23.1 Is-Sindku David Schembri qal li fil-preżent, il-President tal-Kunsill Skolastiku hija s-Sa. Catherine Falzon li għad fadlilha sena fil-kariga.

2.23.2 Qal li ċċekkjajna mad-Dipartiment tal-Edukazzjoni jekk dan it-terminu jistax jiġġedded u jekk il-Kunsill Lokali jistax jerġa' jinnomina lil persuna li tkun diġa' fil-kariga.

2.23.3 Żid li mir-risposta li ħadna mingħand is-Sa. Marika Inguanez, dan nistgħu nagħmluh u għaldaqstant ippropona lis-Sa. Catherine Falzon għandha tkun il-President tal-Kunsill Skolastiku tal-Iskola Primarja tal-Qrendi.

2.23.4 Il-Kunsillier Daniel Farrugia ssekonda din il-proposta u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

2.24 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Antoine Calleja mill-NAO, bit-titlu ***Investigation: Resurfacing of Roads PPP Scheme – Memo 45/2010.***

2.25 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Audrey Testaferrata de Noto, minn Transport Malta, bit-titlu **Għeluq ta' triq minħabba l-istudenti tal-iskejjel.**

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

2.25.1 Is-Sindku qal li wara li kkorispondejna ma' Transport Malta, jidher li d-deċiżjoni finali għandha tkun tal-Kunsill Lokali, u għaldaqstant ippropona li għandna mmexxu fuq id-deċiżjoni li ttieħdet f'laqgħat preċedenti dwar l-għeluq ta' Triq iż-Żgħożija.

2.25.2 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament dwar din il-proposta.

2.26 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Oliver Farrugia, mill-Awtorita' Maltija għat-Turiżmu, bit-titlu ***Plastering of deck at*** **Wied iż-Żurrieq.**

2.27 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Victor Incorvaja, Uffiċjal fis-Segretarjat tal-*Public Contracts Review Board,* bit-titlu ***Objection QLC-PC 49/15 – Tender for the Cleaning and Attendance of Public Conveniences in an Environmentally Friendly Manner.***

2.28 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Cherly Falzon mil-Librerija Nazzjonali, bit-titlu ***Loan statistics for 2015.***

2.29 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur David Grech, *Charge Nurse* fin-*National Immunisation Services*, bit-titlu ***Seasonal influenza vaccine: feedback.***

2.30 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Christabel Grima mill-NSO, bit-titlu ***Job Vacancies Survey Quarter 4 2015 – JVS 56841.***

2.31 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Anthea Attard minn GreenMT Ltd., bit-titlu **Espressjoni t'Interess.**

2.32 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Julian C. Zarb, minn *Discovering Malta & Gozo,* bit-titlu **Seminar**.

2.33 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Ray Abela minn TCTC, bit-titlu ***LearnIt Courses in your community.***

2.34 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Saviour Camilleri, Uffiċjal tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, dwar informazzjoni fuq xogħolijiet li jridu jsiru l-Qrendi.

2.35 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Liam Coyne, *Sales Representative* ma' Bonnici Bros. Ltd., bit-titlu ***Bonnici Bros. Ltd. – Cold asphalt.***

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

2.36 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Paul Debono, Prinċipal tal-Kulleġġ San Benedittu, bit-titlu **Merħba.**

2.37 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Sergio Grech, Assistent Kap tal-Iskola Primarja tal-Qrendi, bit-titlu ***Arbor Day.***

2.38 Inqrat *e-mail* mibgħuta mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti, bit-titlu **Kors – Irfina l-kitba tal-Malti.**

2.39 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur John Bonello mill-NSTS, bit-titlu ***Collaboration Proposal – Primary School Science Education.***

2.40 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Matthew Bonett, Direttur tal-Informazzjoni tal-Partit Nazzjonalista, bit-titlu **Konvenzjoni Ġenerali 2016 – IdeaAmbjent.**

2.41 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Oliver Borg, Direttur Maniġerjali ma' *Salvarti Co. Ltd., - Fort Pest Control,* bit-titlu ***Pigeon Control proposal for Local Council.***

2.42 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Kevin Papagiorcopulo, *Head of Media* tal-Kurja tal-Arċisqof, bit-titlu ***Proposed Tree Planting at Qrendi.***

2.43 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Marvik Borg, *Events Manager* tal-*Malta Event Design*, bit-titlu ***Symbolic Wedding Ceremony at Maqluba.***

2.44 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Vincent Zammit bit-titlu ***Double Yellow Line.***

2.44.1 Is-Sindku qal li f'dan il-każ, minflok immorru dirett għand Transport Malta, ikun aktar għaqli jekk l-ewwel nitkellmu mal-familja konċernata li se tintlaqat direttament jekk isir dan is-sinjal isfar.

2.44.2 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament ma' din il-proposta.

2.45 Inqrat ittra mibgħuta mis-Sur Anthony Zammit, Segretarju tas-Soċjeta' Mużikali Santa Marija, dwar proponiment t'ismijiet għas-sotto kumitat ta' Ġieħ il-Qrendi 2016.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

2.46 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Roberta Caruana, Ass. Segretarja tas-Soċjeta' Filarmonika Lourdes, bit-titlu **Ġieħ il-Qrendi *Board Members.***

2.47 Inqrat ittra mibgħuta mis-Sur Carmel Mizzi dwar permess f'Wied iż-Żurrieq.

2.47.1 Is-Sindku qal li din il-proposta li ssir il-*barrier* m'għandhiex tkun problema, għax wara kollox hija miżura ta' sigurta.

2.47.2 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament ma' din it-talba.

2.48 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Anna Portelli, bit-titlu ***Street Lamp Position.***

## 3. AĠĠORNAMENT DWAR IL-FESTIVAL AGRARJU TAL-PATATA 2016

3.1 Is-Sindku David Schembri ta rendikont ta' x'ġie diskuss s'issa dwar il-Festival ta' din is-sena.

3.2 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa qal li wasal iż-żmien li ssir laqgħa oħra tas-sotto kumitat tal-Festival Agrarju tal-Patata sabiex tkompli l-ħidma għal dan il-Festival.

## 4. AĠĠORNAMENT DWAR JUM IL-QRENDI 2016

4.1 Is-Sindku David Schembri qal li wara l-aħħar laqgħa tal-Kunsill Lokali, bagħtna lis-Soċjetajiet Mużikali sabiex jinnonimaw żewġ rappreżentanti kif ukoll ġew nominati tliet persuni oħra mill-Kunsill Lokali.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

4.2 Qal li s-Sinjuri Lawrence Bilocca, Joe Magro u Dr Marisa Vella se jkunu qegħdin jirrappreżentaw lill-Kunsill Lokali.

4.3 Żid li sa 12pm tallum, daħlu b'kollox tliet nominazzjonijiet għal Ġieħ il-Qrendi 2016, li kienu ta:

4.3.1
1. Nikol Aquilina
2. Dr Ernest Azzopardi
3. Dr Gianluca Bezzina

4.4 Is-Sindku kompla billi qal li bħala Kunsill Lokali jħoss li għandna nirrevedu kif jingħataw il-marki għal dan il-Ġieħ, qabel issir il-laqgħa tas-sotto kumitat.

4.4.1 Wara diskussjoni twila, il-Kunsill Lokali ddeċieda dwar kif għandhom ikunu maqsumin il-marki, sabiex dawn jingħaddu lill-membri tas-sotto kumitat qabel issir il-votazzjoni.

4.4.2 Il-marki aġġornati huma hekk:

| | Massimu ta' punti | |
|---|---|---|
| Kontribut tal-persuna fuq bażi lokali | 25% | |
| Kontribut tal-persuna fuq bażi nazzjonali | 10% | |
| Kontribut tal-persuna fuq bażi internazzjonali | 5% | |
| Kontribut tal-persuna fil-volontarjat fuq bażi lokali | 15% | |
| Kontribut tal-persuna fil-volontarjat fuq bażi nazzjonali | 10% | |
| Kontribut tal-persuna fil-volontarjat fuq bażi internazzjonali | 5% | |

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

| | | |
|---|---|---|
| Għarfien tal-persuna fuq bażi lokali | 15% | |
| Għarfien tal-persuna fuq bażi nazzjonali | 10% | |
| Għarfien tal-persuna fuq bażi internazzjonali | 5% | |
| | | |
| **Total** | 100% | |

4.4.3 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament ma' dan l-aġġornament tal-marki għal Ġieħ il-Qrendi 2016.

4.5 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa staqsa jekk hux se jkunu qegħdin jingħataw rikonoxximenti lil xi persuna/i li forsi għamlu suċċess matul l-aħħar sena.

4.5.1 Is-Sindku semma' liż-żagħżugħ Alec Falzon, żagħżugħ bi bżonnijiet differenti li għamel suċċess fl-Olimpjadi Speċjali li saru fl-Istati Uniti f'Lulju u Awwissu tas-sena li għaddiet.

4.5.2 Il-Viċi Sindku propona wkoll lis-Soċjetajiet Mużikali ta' raħalna li matul l-2015 it-tnejn li huma għamlu suċċess fil-Kompetizzjonijiet Pirotekniċi li saru f'pajjiżna.

4.6 Is-Sindku tkellem ukoll dwar Jum il-Qrendi u qal li se nerġgħu nistiednu lis-Soċjetajiet Mużikali sabiex idoqqu bħala banda waħda u li r-rotta tkun l-istess bħal tas-sena li għaddiet.

## 5. <u>*Performance Bonus* tas-Segretarju Eżekuttiv, Assistent Prinċipal u Clerk tal-Kunsill Lokali</u>

5.1 Is-Sindku David Schembri qal li f'Jannar il-Kunsill Lokali dejjem irid

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

jiddeċiedi jekk jagħtix il-*performance bonus* lill-impjegati tiegħu.

5.2 Qal li fil-każ tas-Segretarju Eżekuttiv, jekk il-*performance bonus* tiegħu jiġi approvat mill-Kunsill Lokali, dan imbagħad ikun irid jiġi approvat mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

5.3 Żid li min-naħa tiegħu ra l-*Performance Appraisals* preparati mis-Segretarju Eżekuttiv, dwar l-Assistent Prinċipal Stephania Grixti u l-Clerk Stephanie Caruana.

5.4 Ippropna li kemm is-Sa. Grixti kif ukoll is-Sa. Caruana għandhom jieħdu l-massimu tal-*performance bonus*, jiġifieri 6% u 3% rispettivament.

5.5 Ippropna wkoll li s-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon għandu jingħata l-10% *performance bonus* li jrid ikun approvat mid-Dipartiment.

5.6 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament ma' dawn il-proposti.

## 6. <u>KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU</u>

6.1 Is-Sindku David Schembri qal li l-kellna s-smiegħ fil-Qorti dwar l-appell mill-Perit Lewis Williams dwar il-kuntratt ta' Perizija tal-Kunsill Lokali – QLC – SACE 49/15.

6.1.1 Qal li s-sentenza mill-Qorti tal-Appell se tkun qiegħda tingħata fis-26 ta' Frar 2016, fejn imbagħad niddeċiedu kif se nipproċedu dwar dan il-kuntratt.

6.2 Is-Sindku tkellem dwar talba li waslitlu biex triq privata fiż-żona ta' Wied iż-Żurrieq tingħata isem.

6.2.1 Wara diskussjoni ħareġ li din it-triq ma tistax tingħata isem mill-Kunsill Lokali minħabba li hija privata u jidher li diġa' għandha isem li mhuwiex uffiċjali.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

6.3 Is-Sindku tkellem dwar diskussjonijiet li għaddejjin bħalissa bejn il-Kunsill Lokali u t-3 4 U, dwar tħawwil ta' siġar f'żona fi Triq it-Tempesta li qiegħda tissebbaħ mill-Kunsill Lokali.

6.3.1 Spjega kif anke l-Arċisqof wera l-interess li jiġi jħawwel siġra f'din iż-żona.

6.3.2 Is-Sindku ppropona li t-tħawwil tas-siġar għandu jsir flimkien mal-istudenti tal-Iskola Primarja tal-Qrendi, sabiex inqajmu aktar kuxjenza dwar l-ambjent.

6.4 Is-Sindku tkellem dwar il-parteċipazzjoni tal-Kunsill Lokali f'kompetizzjoni ta' ritratti imnhedija mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali.

6.5 Is-Sindku tkellem dwar il-GAL Xlokk u qal li fl-aħħar laqgħa tajniehom l-aħħar *invoices* sabiex isiru l-pagamenti dwar l-attivita' *Passa ai Tempi* li saret fi Frar 2015.

6.6 Is-Sindku tkellem dwar l-*Arbor Day* li ġiet organizzata mill-Iskola Primarja tal-Qrendi, fejn il-Kunsill Lokali, bi ftehim mal-ELC, ipprovda siġra taż-żebbuġ lill-istudenti bħala parti minn din il-ġurnata, u din tħawlet mill-istess studenti.

6.7 Is-Sindku tkellem dwar it-tindif propost li se jsir mid-Direttorat għat-Tindif fiż-żona ta' San Niklaw.

6.7.1 Qal, li fl-istess fażi se jkun qiegħed isir it-tindif ta' parti minn Triq il-Providenza.

6.8 Is-Sindku tkellem dwar applikazzjoni li l-Kunsill Lokali għandu quddiem il-MEPA dwar il-moll ta' Wied iż-Żurrieq.

6.8.1 Qal li fil-preżent għadna nistennew in-numru tal-applikazzjoni sabiex inkunu nistgħu nipproċedu.

6.9 Is-Sindku tkellem dwar applikazzjonijiet li saru mill-Kunsill Lokali sabiex isiru lampi ġodda fiż-żona ta' Wied iż-Żurrieq kif ukoll fi Triq il-

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

Panorama.

6.9.1 Qal li mill-informazzjoni li għandu jidher li dawn l-applikazzjonijiet daqt jiġu approvati u nkunu nistgħu nipproċedu.

6.10 Is-Sindku tkellem dwar laqgħa li saret mal-Bank BOV dwar ATM ġdida fil-lokalita' tagħna.

6.10.1 Qal li mid-diskussjonijiet li għaddejjin, jidher li l-bank jixtieq li l-ATM issir fi Triq it-Tempesta, imma se jkollna problemi kbar ta' loġistika, u l-proposta tal-Kunsill Lokali li ssir wara l-Monument tal-Gwerra s'issa għadha ma ġietx milqugħa.

6.11 Is-Sindku tkellem ukoll dwar talba li saret minn persuna Belġjana sabiex isir tieġ fil-belveder tal-Maqluba.

6.11.1 Qal li dan it-tieġ se jkun wieħed verament żgħir, fejn mhux mistennija jkun hemm aktar minn 10 min-nies.

6.11.2 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament li ma jsib l-ebda oġġezzjoni li jsir dan it-tieġ u li jridu jitħallsu €50 tal-permess.

6.12 Is-Sindku David Schembri tkellem dwar il-purċissjoni li ssir bir-Redentur fir-residenza San Vinċenz de Paule.

6.12.1 Qal li din il-purċissjoni se ssir nhar it-13 ta' Marzu 2016 u ppropona li għandna ssir private mill-Qrendi sabiex min ikun interessat ikun jista' jattendi għal din il-purċissjoni.

6.12.2 Żid li t-trasport se jkun provdut mir-Residenza San Vinċenz de Paule.

6.13 Is-Sindku tkellem dwar l-Ambaxxatur taż-Żgħażagħ u l-Vot 16.

6.13.1 Qal li t-terminu ta' Justin Debattista bħala Ambaxxatur wasal fi tmiemu minħabba li issa għalaq it-18-il sena u għaldaqstant irridu nsibu persuna oħra li tkun l-Ambaxxatur/triċi taż-Żgħażagħ tal-Qrendi.

6.13.2 Is-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon qal li fuq il-paġna ta' *Facebook* tal-Kunsill Lokali ttella' poster sabiex min huwa interessat jitkellem mal-

Kunsill Lokali, kif ukoll intbagħat messaġġ privat lil dawk iż-żgħażagħ kollha li għandhom bejn is-16 u s-17-il sena.

6.13.3 Qal iżda li ħadd ma kien wera nteress li jkun Ambaxxatur/triċi taż-Żgħażagħ.

6.13.4 Il-Kunsillier Olympia Sant Mifsud qalet li tkellmet maż-żagħżugħa Mariah Vassallo, li jidher li hija nteressatha u li għandha 16-il sena.

6.13.5 Għaldaqstant il-Kunsill Lokali se jkun qiegħed ikellem lil din iż-żagħżugħa sabiex naraw jekk taċċettax li tkun l-Ambaxxatriċi l-ġdida taż-Żgħażagħ tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi.

6.14 Is-Sindku tkellem dwar l-immaniġġjar tat-traffiku li l-Kunsill Lokali jrid jagħmel fi Triq it-Tempesta sabiex nevitaw aktar inċidenti.

6.14.1 Ippreżenta diversi pjanti mibgħuta mill-Perit tal-Kunsill Lokali Anthony Bezzina.

6.14.2 Dawn il-pjanti huma dwar *roundabout* proposta li ssir fi Triq it-Tempesta k/ma' Triq Antonio Chircop u Triq il-Fulija.

6.14.3 Wara li spjega eżattament il-ħsieb tal-Perit tal-Kunsill Lokali, qal li jekk kemm-il darba din il-pjanta tiġi approvata mill-Kunsill Lokali, irridu nagħmlu laqgħa pubblika sabiex naraw x'jaħsbu r-residenti Qrendin.

6.14.4 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament mal-proposta mressqa mill-Perit Anthony Bezzina u se ssir laqgħa pubblika sabiex naraw ir-residenti Qrendin x'jaħsbu.

6.14.5 Is-Sindku spjega kif wara li ssir din il-laqgħa pubblika u jkun hemm qbil mir-residenti, il-proposta mbagħad tgħaddi quddiem Transport Malta għall-approvazzjoni tagħhom.

6.15 Is-Sindku tkellem dwar pjanta oħra proposta mill-Perit Anthony Bezzina, dwar Triq it-Tempesta k/ma' Triq iż-Żurrieq.

6.15.1 Qal li hawnhekk ukoll huwa propost li ssir *roundabout*, imma l-loġistika tagħha hija ftit aktar diffiċli għax trid tiġi esproprijata biċċa għalqa li

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

hemm fi Triq it-Tempesta u li hija tal-privat.

6.15.2 Żid li jekk kemm-il darba l-Kunsill Lokali jaċċetta din il-proposta, l-ewwel irrid nitkellmu mas-sidien tal-għalqa, imbagħad wara ssir il-laqgħa pubblika, imbagħad immorru għand Transport Malta.

6.15.3 Il-Kunsill Lokali unanimament qabel fil-prinċipju dwar din ir-*roundabout* u issa se nitkellmu mas-sidien tal-għalqa.

6.16 Is-Sindku tkellem dwar ir-*roundabout* preżenti li għandna fi Triq it-Tempesta, int u dieħel il-Qrendi.

6.16.1 Qal li din ir-*roundabout* hemm bżonn li tiġi rranġatha, li jsir tisbiħ mhux biss fiha, imma anke fl-imqaret li hemm madwarha.

6.16.2 Spjega kif fil-preżent qiegħed jagħmel diversi kuntatti sabiex jara min jista' jgħinha sabiex nirranġawha.

6.17 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa qal li wasal iż-żmien li l-Kunsill Lokali jitkellem dwar l-immaniġjar tat-traffiku fi Triq iż-Żurrieq.

6.17.1 Qal li l-problema qiegħda tikber u qiegħda tibda minn Triq is-Salvatur minħabba l-ħwienet kummerċjali li hemm f'din it-triq.

6.17.2 Is-Sindku ppropona li dan l-immaniġjar tat-traffiku għandu jiġi diskuss fil-laqgħa li jmiss tal-Kunsill Lokali, sabiex kulħadd ikun jista' jaħseb dwar proposti ta' x'jista' jsir f'dawn it-toroq.

6.17.3 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament ma' din il-proposta u se tkun inkluża fl-Aġenda tal-laqgħa li jmiss.

6.18 Il-Viċi Sindku qal li nhar it-Tlieta 9 ta' Frar se jkun qiegħed jiġi organizzat *Buffet Breakfast* mill-Kunsill Lokali f'waħda mil-lukandi ewlenin.

6.19 Il-Kunsillier Olympia Sant Mifsud tkellmet dwar Triq il-Panorama u sostniet li l-Kunsill Lokali għandu jara kif se jagħmel *traffic calming device* f'żona partikolari qrib 'il-Ħnejja' u t-Tempji ta' Ħaġar Qim.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 7. FINANZI

7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill diversi kontijiet pendenti li jammontaw għal €27,773.85 skont is-*Schedule of Payments* Ref No. 01/16 u €36.80c skont il-*Petty Cash* Ref S/12.

7.2 Is-Sindku David Schembri qal li bħala *Chairman* tal-Kumitat tal-Finanzi ppropona li dawn il-kontijiet pendenti jiġu approvati.

7.3 Il-Kunsillier Charles Zerafa u l-Kunsillier Daniel Farrugia ssekondaw u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

## 8. AĠĠORNAMENT

8.1 Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali ntemmet fit-7:45pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 22 ta' Frar 2016 fil-5:30pm.

| | |
|---|---|
| **Chris Falzon** | **David Schembri** |
| **Segretarju Eżekuttiv** | **Sindku** |